MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 1407/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Carmelo Farrugia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 1001748(M).

Akkuzat talli:
Fdawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Mejju 2009 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Mejju 2009, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli b'hekk ksirt il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Ottubru 2007.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(2)l 186, 121A(1) (li hu assorbit fl-Artikolu 185) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li l-Qorti hi sodisfatta li l-istess imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qed issib lill-imputat Carmelo Farrugia hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah mill-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza kif dedotti kontrih bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, u a

rigward ir-raba’ akkuza qeghda tikkundannah multa ta’ mitt Ewro (€100).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------